MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 849/2003

***PMark Limited***

***Versus***

***Lombard Bank Malta p.l.c.***

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda tfittex għad-danni li ġarrbet meta ma ssarrafx *cheque* illi kienet iddepożitat f'kont li għandha mal-bank konvenut wara li kienet esportat merkanzija għax emmnet illi kienet tħallset għaliha b'dak iċ-*cheque*.

Fiċ-ċitazzjoni s-soċjetà attriċi tgħid illi hija għandha negozju ta' bejgħ ta' *mobile phones* lil klijenti barra minn Malta. Kienet waslitilha ordni minn barra minn Malta li kienet tiswa tmintax-il elf dollaru amerikan ($18,000) u, fit-3 ta' Diċembru 2002, kienet iddepożitat mal-bank konvenut *cheque* għal dik is-somma li kienet irċeviet mingħand il-klijent li kien għamel l-ordni. Xahar wara li sar id-depożitu, il-bank konvenut kien għarraf lill-attriċi illi ċ-*cheque* kien *cleared*, u għalhekk l-attriċi għaddiet biex tixtri l-merkanzija u tibgħatha barra minn Malta.

F'April ta' l-2003, iżda, il-bank konvenut għarraf lill-attriċi illi ċ-*cheque* ma kienx onorat, u għalhekk minnufih iddebita l-kont ta' l-attriċi b'daqskemm jiswew tmintax-il elf dollaru amerikan ($18,000).

Billi qiegħda tgħid illi hija bagħtet il-merkanzija biss meta l-bank konvenut serrħilha moħħha illi ċ-*cheque* kien *cleared*, u, minħabba fl-għemil tal-bank, hija ġarrbet danni għax għamlet spejjeż għax-xiri u l-ġarr tal-merkanzija u l-ħlas ta' *commission*, iżda għalxejn sejħet lill-bank biex iħallas id-danni, is-soċjetà attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti, wara li tgħid illi l-bank konvenut għandu jwieġeb għad-danni, u tillikwida l-istess danni, tikkundanna lill-bank konvenut iħallasha d-danni hekk likwidati flimkien ma' l-imgħax u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' ittra legali.

Il-bank konvenut ressaq l-eċċezzjoni illi huwa b'ebda mod ma jaħti għad-danni li ġarrbet is-soċjetà attriċi.

Il-fatti li huma relevanti għal din il-kawża ġraw hekk:

Is-soċjetà attriċi għandha negozju ta' esportazzjoni ta' merkanzija. Sabiex ma tingidimx li tibgħat merkanzija barra minn Malta u ma titħallasx għaliha, hija l-ewwel tirċievi l-ħlas mingħand il-klijent barrani li jkun għamel l-ordni, u l-merkanzija tibgħatha wara li tkun tħallset.

Fil-każ li wassal għall-kawża tallum, lill-attriċi waslilha *cheque* miġbud fuq bank barra minn Malta biex meta jissarraf ikun bi ħlas għal ordni minn barra. L-attriċi iddepożitat iċ-*cheque* f'kont li għandha mal-bank konvenut u stenniet sakemm iċ-*cheque* ikun *cleared* qabel ma tibgħat il-merkanzija. Il-bank konvenut bagħat iċ-*cheque* lill-korrispondent tiegħu għal *clearing* u, wara li sema' mingħand il-korrispondent, eventwalment għarraf lill-attriċi illi ċ-*cheque* kien *cleared*. Meta saret taf dan, l-attriċi serrħet moħħha li l-flus kienu waslulha u għalhekk għamlet dak li kien meħtieġ, u daħlet ukoll fi spejjeż, biex tibgħat il-merkanzija barra minn Malta.

Wara xi żmien, iżda, il-bank barrani trattarju taċ-*cheque* intebaħ illi ċ-*cheque* kien falz u għalhekk ma setax jiddebita l-kont ta' dak li fuqu kien deher bħala traent. In-negozji biċ-*cheque* għalhekk treġġgħu lura: il-kont tal-bank konvenut mal-korrispondent tiegħu, li fil-bidu kien kreditat bil-valur taċ-*cheque*, reġa' ġie debitat u l-konvenut għamel l-istess ħaġa mal-kont li l-attriċi għandha miegħu.

L-attriċi issa qiegħda tgħid illi hi ma kinitx tidħol fi spejjeż u tagħmel telf li kieku l-konvenut ma kienx serrħilha moħħha illi ċ-*cheque* kien *cleared*; kien in-nuqqas tal-konvenut, li serrħilha moħħha illi ċ-*cheque* kien *cleared* meta fil-fatt ma kienx, li wassal għat-telf, u għalhekk il-konvenut għandu jagħmel tajjeb għat-telf.

Il-qorti tifhem illi r-relazzjoni tas-soċjetà attriċi mal-bank konvenut hija dik ta' benefiċjarju u ġirant ta' kambjala ma' ġiratarju. L-attriċi iġġirat iċ-*cheque* — li hu forma ta' kambjala fejn it-trattarju huwa bank — lill-konvenut sabiex il-konvenut jiskontah favur tagħha. Il-bank imbagħad iġġira ċ-*cheque* favur il-korrispondent tiegħu, u tħallas mingħandu, u l-korrispondent tal-bank ippreżenta ċ-*cheque* għall-ħlas għand il-bank trattarju sabiex dan jiddebita l-kont li kellu miegħu it-traent. Ġara iżda illi ċ-*cheque* ma kienx tassew maħruġ minn min kien jidher fuqu bħala traent, u għalhekk il-bank trattarju ma setax jiddebitalu l-kont. Għalhekk dar kontra l-ġiranti tiegħu, li kien il-korrispondent tal-bank konvenut, il-korrispondent dar kontra l-ġiranti tiegħu, li kien il-bank konvenut, u l-bank konvenut dar kontra l-ġiranti tiegħu, li kienet is-soċjetà attriċi.

Meta l-konvenut dar kontra l-attriċi billi reġa' iddebita l-kont tagħha, kien qiegħed jinqeda bil-jedd li tagħtih il-liġi fl-artt. 140(1) u 193 tal-Kodiċi tal-Kummerċ:

**140.** (1) Il-ġirant iwieġeb lejn kull pussessur ta' wara għall-aċċettazzjoni u għall-ħlas tal-kambjala.

**193.** Il-pussessur ta' kambjala li jirċievi l-ħlas tagħha, u l-ġiranti kollha ta' qablu, huma garanti lejn dak li ħallasha tal-validità tal-ġîri kollha ta' qabel.

Ir-responsabbiltà hija tal-ġiranti lejn il-ġiratarju u mhux, kif tippretendi l-attriċi, viċe-versa. It-tisrif ta' kambjala ma jfissirx illi min iħallas qiegħed jagħti garanzija lil min irċieva l-ħlas; anzi, huwa min irċieva l-ħlas li jagħti garanzija lil min ħallas. L-attriċi hija marbuta favur il-ġiratarji kollha ta' warajha, u tista' biss iddur kontra min ħareġ iċ-*cheque* u l-ġiratarji ta' qabilha, jekk kien hemm. Meta l-bank konvenut għarraf lill-attriċi illi ċ-*cheque* kien *cleared*, ma kienx qiegħed ukoll jagħti garanzija tal-validità tiegħu, għax dik il-garanzija, skond il-liġi, tingħata minn min jirċievi l-ħlas, mhux minn min iħallas.

Lanqas ma kien hemm xi nuqqas fl-imġieba tal-bank konvenut li jista' jwassal għal responsabbiltà *ex delicto vel quasi*: il-konvenut mexa skond il-prassi u, fir-relazzjoni bejn l-attriċi u l-konvenut, ma kienx il-konvenut iżda l-attriċi illi ippreżentat dokument falz.

Għal dawn ir-raġunijiet it-talbiet tas-soċjetà attriċi ma jistgħux jintlaqgħu u l-qorti taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet tas-soċjetà attriċi u tikkundannaha tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------